**L-inċident tal-ħaddiem fil-kostruzzjoni jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati r-razziżmu u l-isfruttament tal-ħaddiema**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) tinsab ixxukkjata bl-allegat trattament ħażin ta' ħaddiem tal-kostruzzjoni mill-Gana li tħalla bi ġrieħi gravi fuq bankina minn min iħaddmu wara li waqgħa żewġ sulari.

Filwaqt li tikkundanna bil-qawwa l-inċident u tawgura li ssir ġustizzja, l-NCPE tenfasizza wkoll l-importanza li jiġi indirizzat ir-razziżmu fis-soċjetà u miġġieled l-isfruttament tal-ħaddiema fil-forom kollha tagħha, sabiex il-ħaddiema kollha f'Malta jkunu jistgħu jgawdu kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u trattament ġust. L-NCPE tinnota wkoll il-ħafna vuċijiet li tqajmu biex jikkundannaw din l-imġiba.

L-inċident tat-Tlieta seħħ fl-isfond ta' attitudnijiet u diskorsi diskriminatorji lejn persuni li ġejjin minn ċerti kulturi u nazzjonalitajiet, xi ħaġa li twassal biex dawn jiġu sottovalutati u għaldaqstant stmati b'mod inġust. Sforz proattiv mill-politiċi, l-awtoritajiet tal-Gvern, l-għaqdiet tal-ħaddiema u s-soċjetà inġenerali huma meħtieġa sabiex jaraw li l-ħaddiema ma jiġux emarġinati u ma jħossuhomx bla vuċi minħabba l-kulur tal-ġilda, l-isfond kulturali, l-etniċità jew in-nazzjonalità tagħhom.

Barra minn hekk, l-NCPE tenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-ħaddiema barranin f'Malta jkollhom aċċess għal permessi tax-xogħol adegwati li jippermettulhom jaħdmu regolarment u jagħtuhom is-setgħa jirrappurtaw każijiet ta' sfruttament u trattament ħażin.

**29 ta' Settembru 2021**